## L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2020

Dak il-ħin stess li d-dixxipli - mibgħutin minn Ġwanni - kienu qed jistaqsu lil Ġesù dwar jekk kienx hu li jridu jistennew, Ġesù fejjaq ħafna nies mill-mard, mit-tbatijiet u mill-ispirti ħżiena, u lil bosta għomja għoġbu jagħtihom id-dawl. Imbagħad wieġeb u qalilhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu; kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 7, versi 21-23***

18

"Meta nħarsu lejn il-presepju
aħna msejħin nirriflettu
fuq ir-responsabbiltà
li kull nisrani għandu
li jsir evanġelizzatur.
Kull wieħed u waħda minna
għandu jwassal il-Bxara Sabiħa
lil dawk kollha
li magħhom jiltaqa',
u b'għemejjel konkreti ta' ħniena
jagħti xhieda
li hu ltaqa'
ma' Ġesù
u mal-imħabba tiegħu."

PAPA FRANĠISKU,
Ittra Appostolika, *Admirabile Signum*, nru 9,
1 Diċembru 2019

*Jien x'għandi xi nħabbar dwar Alla?*

*Hija iktar ħajti milli kliemi li qiegħda twasslu?*

# Biex ikollok xi tħabbar

Biex ikolli xi nħabbar dwarek, Mulej,
jeħtieġ li nġarrbek:
jeħtieġ li jien ikolli għajnejn li jaraw
dak li Inti - b'mod meraviljuż -
għadek twettaq illum
fil-ħajja ta' tant nies li jinfetħu għalik;
jeħtieġ li jien ikolli widnejn li jisimgħu
dak li Inti - ħafna drabi minn taħt l-ilsien -
għadek tgħid illum
bil-ħajja ta' tant persuni li jħalluk tbiddilhom;
jeħtieġ li jien ikolli qalb
li tkun taf issarraf fil-konkretezza tal-ħajja
dak li tkun rat u dak li tkun semgħet.
Agħtihieli din il-grazzja, Mulej.
Imbagħad ikolli tabilħaqq x'inxandar
dwarek!